MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 2/2009

**Anthony Mario Vella.**

**vs.**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Anthony Mario Vella datat 18 ta’ Marzu 2009 a fol. 2 tal-process fejn espona:-

Illi dan huwa appell mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet premessi tal-6 ta' Marzu 2009. Il-Bord tal-Appell ikkonferma c-cahda tal-applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp minhabba li rritjena li l-bini in kwistjoni kien ghola mill-bini permissibili.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghallhekk qieghed jinterponi umili appell minnha ghall-quddiem il-Qorti tal-Appell kompetenti.

Illi l-aggravju tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti filli d-decizjoni in kwistjoni kienet wahda zbaljata fil-ligi u anke li timporta effett diskriminatorju. Illi ghallhekk dik id-decizjoni ghandha tigi revokata.

Illi fir-rigward tal-punt tal-ligi d-decizjoni in kwistjoni waqfet fuq il-*policy* u ma marritx *oltre*. Hija applikat dik il-*policy* minghajr ma qieset bl-ebda mod ic-cirkostanzi tal-post u izjed importanti c-cirkostanzi kollha tal-izvilupp innifsu. Il-Bord kien marbut li meta japplika *policy* ihares ukoll lejn ic-cirkostanzi kollha li jista' jwasslu ghall-decizjoni differenti. L-argument tal-esponent huwa li s-sit in kwistjoni kien go sit kommess, u dan sija jekk inti thares lejn l-izvilupp partikolari in-nifsu kemm ukoll jekk thares lejn l-izvilupp li gie permess isir f'dak il-lokal. Ghalkemm provi ngabu mill-esponent f'dan il-kuntest dan ma jiffigura bl-ebda mod fid-decizjoni tal-Bord li lanqas biss indenja jikkunsidra l-konsegwenzi tal-fatt li l-*area* kollha fejn hemm l-applikazzjoni hija *area* kommessa ghall-bini gholi, u dan anke billi inghataw mill-istess awtorita` diversi permessi ghall-bini ghola minn dak stabbilit fil-*policy*. Dan kien fattur ta' rilevanza kbira u ma setax jigi injorat mill-bord tal-appell dwar l-ippjannar. Kien fattur importanti, kif anke ga deciz minn din l-istess Qorti, li seta' jincidi sensibbilment fuq l-applikazzjoni tal-*policy* mill-Bord. Ghalhekk il-fatt li dan kollu gie njorat mill-Bord jikkostitwixxi zball fil-ligi. Il-Bord kien obbligat bhala punt ta' dritt li jara x' *commitment* kien hemm f'arja fejn liz-zvilupp kien qieghed jigi propost u li jikkunsidra dak il-*commitment* bhala determinanti. Ghallhekk id-decizjoni kienet evidentement erronea fil-ligi.

Illi *inoltre* d-decizjoni hija wahda diskriminatorja ghad-dannu tal-applikant. Infatti fl-istess inhawi jezistu diversi zvilupp bl-istess tip ta' gholi tal-izvilupp in kwistjoni; dan l-izvilupp ippermetta li jsir bil-barka tal-awtoritajiet kompetenti. Dan l-izvilupp kif ga ntqal huwa xhieda tal-*commitment* ta' din l-arja ghal dan it-tip ta' zvilupp. Imma dan mhux kollox ma hux permissibili fil-ligi li minghajr

konsiderazzjonijiet rilevanti l-appellant jigi tratta b'mod differenti minn dak li gie riservat ghas-sidien ta' zvilupp fil-qrib. Illi ghallhekk ic-cahda tal-permess lill-appellant kienet wahda diskriminatorja ghaliex wasslet biex huwa jigi trattat b'mod differenti mis-sidien l-ohra u dan b'dannu evidenti tieghu. Ma kien hemm l-ebda raguni logika ghaliex il-proprjeta` tal-appellant kellha tigi trattata b'mod differenti minn zviluppi ohra fl-istess inhawi. Anke ghalhekk id-decizjoni hija wahda erronea fil-ligi.

Ghalhekk l-esponent fil-waqt li jaghmel riferenza ghall-provi kollha ga prodotti u fil-waqt li jirriserva d-dritt li jgib dawk il-provi kollha permessi mill-ligi, jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-ippjannar fil-kaz fl-ismijiet premessi tas-6 ta' Marzu 2009, u b' hekk minflok tiddeciedi billi tilqa’ dan l-appell u tordna l-hrug tal-permess kif mitlub, bl-ispejjez kontra l-appellati.

Rat id-dokument esebit a fol. 4 tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 16 ta’ April 2009 a fol 8 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **“Anthony Mario Vella vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 2 ta’ Gunju 2009 a fol 10 tal-process fejn ecceppiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-appell interpost mill-appellant huwa null *stante* li ma sarx skont l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap.356)** li jghid hekk:-

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud**

**vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Anthony Borg vs L-Awtorita' tal-Ippjanar** (Qorti tal-Appell - decizjoni tal-24 ta' April 1996); **Francis Mugliett vs L-Awtorita' tal-Ippjanar**" (Qorti tal-Appell - decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Zaren Camilleri vs Awtorita' tal-Ippjanar**; (decizjoni tat-28 ta' Frar 1997 - Qorti tal-Appell); **Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp**; (Apepll numru 13/01 RCP deciz fit-28/10/2002); **Tonio Azzopardi vs Awtorita' tal-Ippjanar**; (decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002).

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi bir-rispett sottomess illi l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa daqstant null *stante* illi l-Bord huwa tenut illi jitratta u jiddeciedi fuq punti mqajma mill-appellanti fir-rikors tal-appell tieghu, u mhux punti imqajma fi stadju ulterjuri, dejjem jekk effettivament dawn fir-relat jkunu tqajmu, jew fuq semplici allegazzjoni illi l-Bord ma kienx imissu jieqaf biss fuq il-*'policies'* izda kellu jara wkoll cirkostanzi ohra. Illi bir-rispett kollu, il-Bord ikkunsidra u ddecieda fuq il-punt imqajjem mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu u kkonkluda illi s-sit *de quo* kellu gholi massimu ta' hames sulari (zieda ta' sular bl-approvazzjoni tal-Pjan Lokali) filwaqt li l-izvilupp *de quo* kien ta' seba' sulari. Wiehed isaqsi x'kienu dawk ic-cirkostanzi inezistenti illi l-Bord kellu jikkunsidra jekk kull ma qieghed isir (*tramite* l-appell odjern) hija allegazzjoni gratwita. A skans ta' ripetizzjoni inutili ssir referenza ghal paragrafu 4.1 tar-rikors tal-appell interpost quddiem il-Bord tal-Appelli u wiehed isaqsi x'kienu dawn ic-cirkostanzi fantazma illl l-Bord kellu jiddeciedi fuqhom.

3. Illi l-istess jinghad ghat-tieni aggravju tal-appellant u cioe' illi l-istess Bord iddiskrimina fil-konfront tieghu peress illi allegatament, fl-istess inhawi jezistu zviluppi bl-istess gholi tas-sit mertu tal-vertenza odjerna. Illi ghal darb'ohra jigi ribadit illi l-Bord huwa tenut illi jikkunsidra fatti u lanjanzi mressqa u ppruvati quddiemu u mhux allegazzjonijiet frivoli bhal dawk li qeghdin isiru mill-appellant quddiem din l-Onorabbli Qorti. Illi *oltre* dan, il-Bord kien kategoriku meta kkonkluda illi ma ngieb

quddiemu l-ebda argument validu ghaliex huwa kellu jiddipartixxi mill-gholi impost fil-pjan lokali.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikularment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tas-6 ta’ Marzu 2009 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti tat-3 ta’ Gunju 2009 u tas-7 ta’ Ottubru 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta’ Frar 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi dan huwa kaz fejn l-appellant kien applika *“to sanction signs, extension to hotel on front garden for the placing of tables and chairs for the hotel, bar and restaurant. To sanction fifth and sixth floor. Construction of roof structure fi Traveller’s Lodge, Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba”.*

Illi l-applikazzjoni giet michuda mill-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp ghaliex l-gholi propost tal-izvilupp kien jeccedi l-massimu ta’ gholi permess ghal Bugibba skont kif indikat fl-Iskemi Temporanji ta’ Zvilupp u li hija ghalhekk kien inkompatibbli ma’ SET 8 u BEN 8 tal-Pjan ta’ Struttura u wkoll ghaliex l-izvilupp propost kien eccessiv u dan in vista wkoll ta’ dak li nghad imur kontra dak provdut fi *Structure Policy BEN 1*.

Illi sar appell mill-Perit Lino Bianco ghall-appellant quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fejn l-appell sar fuq il-punt li l-bini kif propost mhux iktar gholi minn dak

permess ghal dik l-*area* b'mod li gie allegat li *"it does not exceed the maximum height limitation" u li* l-istess zvilipp huwa kompatibbli mal-karattru ambjentali u urban tal-istess inhawi, u fl-ahharnett li l-istess zvilupp jikkonforma mal-*policies* applikabbli u ma hemm ebda zvilupp eccessiv fl-istess *area*.

Illi l-Awtorita' appellata rrispondiet ghal dan billi sostniet li l-gholi propost ta' l-izvilupp kien kontra l-Iskemi Temporanji ta' Zvilupp li kienu jippermettu gholi ta' 4 sulari, ghalkemm il-permess li nhareg fuq is-sit kien gja ta' hames (5) sulari. Skont il-Pjan Lokali l-gholi massimu permessi kien issa ta' hames (5) sulari u allura bini ta' 7 sulari ma jistax jigi permess. Ghalhekk l-argument li l-bini sar skont il-*policies* ezistenti ma hijiex korretta u tali zvilupp ma jistax jigi approvat.

Illi l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (il-Bord) qabel mas-sottomissjonijiet tal-Awtorita' appellata peress li kkonstata li l-bini ma kienx skont il-Pjan Lokali li kien jippermetti bini sa gholi ta' hames (5) sulari, u ghalhekk zied sular fuq dak li kien permissibbli taht l-Iskema Temporanji ta' Zvilupp, izda peress li dan l-izvilupp jikkontempla bini ta' zewg sulari ohra, dan ma kienx permessibbli. Fil-fehma tal-Bord ma tressaq ebda argument validu ghaliex dan l-gholi zejjed ghandu jigi konsidrat u allura approvat, u ghalhekk l-appell gie michud.

Illi konsegwentement sar dan l-appell fuq zewg binarji u cjoe' li fl-ewwel lok il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kellu jezamina l-applikazzjoni fid-dawl ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz li l-bini fuq is-sit in kwistjoni kien gja kommess ghal tali tip ta' zvilupp u wkoll li l-area jew inhawi fejn hemm tali zvilupp hija kommessa ghal tali gholi ta' bini bhal dak propost, b'mod li allegatament kien hemm *commitment* ghall-gholi tal-istess bini, tant li inghad li kien hemm diversi permessi li inhargu fl-istess nhawi bl-istess gholi, u allura tali *commitment* kien necessarjament jincidi fuq id-determinazzjoni tal-istess applikazzjoni. Dan gie, skont l-appellanti, injorat mil-Bord u allura dan jikkostitwixxi zball fil-ligi, ghaliex il-Bord kien obbligat sabiex jara x'*commitment* hemm fl-istess *area* u

jikkonsidra tali *commitment* bhala determinanti fil-konsiderazzjonijiet ghall ghoti tal-permess fuq l-istess applikazzjoni.

Illi fuq dan il-punt din il-Qorti thoss li effettivament dak li l-appellant qed jissottometti huwa li l-Bord tal-Appell tal-Ippjanar ma ikkonsidrax u ma trattax is-sottimissjonijiet tieghu quddiemu, u cjoe' li l-bini propost kien diga kommess ghal tali tip ta' zvilupp, bil-permessi li inhargu fuqu, u wkoll dwar gholi minhabba li kien hemm *commitment* fl-istess *area* ghall-bini ta' tali gholi, b'dan ghalhekk li dan in-nuqqas kien jammonta ghal punt ta' dritt.

Illi dan huwa proprju l-principju li gie enuncjat u stabbilit fis-sentenza **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) inghad li:-

*"Allura biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Naturalment il-Qorti tifhem li l-Bord huwa, bhal din il-Qorti, mghobbi b'numru kbir ta' kawzi li wiehed ikun irid jaqtaghhom fi zmien ragonevoli. Pero', il-process tal-gustizzja huwa fin u delikat, li rarament ikollu success meta wiehed jaghzel li jimxi fit-triq il-qasira biex jasal malajr. Min hu mghobbi bir-responsabilita' tal-gudizzju ma jistax jiehu short cut fejn il-gustizzja ma tkunx tippermettilu li jaghmel dan. Diversament l-effett kumulattiv jista' jkun li tintilef il-kredibilita', b'gudikati li ma jkunux motivati sewwa u b'hekk issir hsara kbira lill-amministrazzjoni tal-gustizzja".*

*"Dana qieghed jinghad ghaliex il-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord ma kienetx xi kwistjoni semplici li setghet tigi rizolta semplicement billi wiehed ihares lejn il-maximum height limitation imposta fit-Temporary Provisions Scheme u sempliciment jieqaf hemm. Infatti l-kwistjoni involuta kienet tikkomprendi kemm punti diversi*

*ta' fatt, kif ukoll punti ta' dritt li gustament kellhom jigu ndirizzati mill-Bord."*

Illi hawn ukoll issir riferenza ghall kawza fl-ismijiet **"Alex Montanaro noe vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp"** (A.C. deciza fid-9 ta' Frar, 2001 – Citaz. Nru. 215/98) fejn intqal illi :-

*"Meta, fl-investigazzjoni ta' applikazzjoni ghall-permess ta' l-izvilupp, issir l-allegazzjoni fl-inhawi diga' jezisti zvilupp, bhal dak li qed jintalab permess ghalih, kemm l-Awtorita' u kemm ukoll il-Bord ghandhom, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, id-dover li jivverifikaw sewwa din l-allegazzjoni. Izda dan mhux fl-ambitu ta' investigazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali, izda unikament fl-ambitu ta' konsiderazzjonijiet ta' l-ippjanar, u cjoe', biex jaraw jekk, tenut kont ta' l-izvilupp attwali fl-inhawi tas-sit in kwistjoni, ikunx gust u sewwa li l-permess mitlub jigi akkordat."*

Illi din il-linja gie segwita konsistentement minn din il-Qorti nkluz fis-sentenza **"Marie Louse Farrugia nomine vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006) u diversi sentenzi wara dan l-aktar ricenti fosthom **"Anne Marie Carabott vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009), izda din il-Qorti thoss li s-sitwazzjoni fil-kaz odjern hija ferm differenti minn dik kontemplata f'dawn id-decizjonijiet.

Illi fil-fatt din il-Qorti tibda biex tghid li li ma hemmx dubju li llum gudizzjarjament huwa ben affermat li kemm il-darba l-Bord tal-Appell ta' l-Ippjanar ma jikkonsidrax l-ilmenti u/jew l-aggravji tal-appellant quddiem, nkluzi dawk dwar allegazzjonijiet ta' *committement* tal-area, u sempliciment jiskartahom, dan jammonta ghall-punt ta' dritt deciz mill-Bord skont il-ligi, u mhux biss jista' jsir appell skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 365,** izda wkoll iwassal sabiex jekk jinstab dan tali decizjoni tal-Bord tigi kkunsidrata bhala nulla, b'dan li l-istess Bord huwa tenut li jaghti kaz ta' tali sottomissjonijiet, jezaminahom, jara jekk hemmx *commitment* u japplika l-istess rizultanzi fid-dawl tal-izvilupp in kwistjoni. Ara f'dan is-sens id-

decizjonijiet **"Consiglio D'Amato vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – (VDG) (JDC) (JAF) - 24 ta' Mejju 2004); **"Carol Galea vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – (VDG) (JDC) (JAF) - 1 ta' Ottubru 2004); u anke **"Siliano Sammut vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – (VDG) (JDC) (JAF) - 3 ta' Dicembru 2004).

Illi f'dan il-kaz pero' ma gara xejn minn dan peress li l-ebda punt bhal dak li l-istess appellant qed illum iqajjem fir-rikors tal-appell odjern attwalment ma tqajjem quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar. Fil-fatt kemm hawn fuq f'din id-decizjoni, u kemm fid-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-l-Ippjanar stess, hemm riproduzzjoni tal-mod kif sar l-appell mill-appellenti *tramite* l-perit tieghu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (Bord), u minn dan l-appell datat 4 ta' April 2006 minn inkien ma jirrizulta li l-punt ta' *commitment* tqajjem mill-istess appellant bhala aggravvju quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Fil-fatt jirrizulta li punti ta' *committment* sollevati fir-rikors tal-appell quddiem din il-Qorti kienu l-ewwel darba li tali punti gew sollevati mill-appellant u dawn allura ma jistghux jifformaw il-bazi ta' appell taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** u dan ghaliex taht dawn ic-cirkostanzi ma' jistax jinghad li dawn huma punti ta' dritt decizi mill-Bord skont il-ligi, li kienu u setghu jigu ezaminati minn din il-Qorti, izda punti godda li gew sottomessi quddiem din il-Qorti tal-Appell ghall-ewwel darba. Ghalhekk l-ewwel aggravju ma huwiex permessibbli taht id-disposizzjonijiet tal- **artikolu 15 (2) tal-Kap. 356.**

Illi l-istess jinghad dwar it-tieni aggravju u dan peress li jidher car li l-appell mill-appellant quddiem il-Bord bl-ebda mod ma ghamel xi riferenza ghal xi allegati zviluppi simili ghal jew bhal dawk proposti mill-appellanti li saru fl-istess inhawi, u dan la b'mod generali u inqas u inqas b'mod specifiku. Ghalhekk ukoll dan l-appell ma huwiex permissibbli taht id-disposizzjoni tal-ligi fuq citata u f'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma' dak kollu sottomess fir-risposta tal-Awtorita' appellata f'dan l-appell.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li dan it-tieni aggravju tqajjem ukoll l-ewwel darba quddiem din il-Qorti, u allura ma jaqax taht il-parametri ta’ appell permessibbli skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356** ghaliex ma huwiex punt ta’ dritt deciz mill-Bord; dan apparti l-punt, li la darba din il-Qorti hija Qorti ta’ revizjoni, hija ghandha tittratta punti li kienu gja gew sollevati mill-appellanti u/jew decizi quddiem l-istess Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u allura din il-Qorti ma ghandhiex tittratta, (u lanqas hija kompetenza taghha li taghmel dan), punti sollevati ghall-ewwel darba quddiemha ghaliex dan fil-fatt ikun abbuz tal-proceduri ta’ appell permessibbli quddiem din il-Qorti skont il-ligi u partikolarment l-**Kap. 356**. Ghalhekk dan it-tieni aggravju qed jigi wkoll respint.

Illi ghalhekk l-appell tal-appellanti qed jigi michud.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** fir-risposta taghha datata 2 ta’ Gunju 2009 in kwantu l-istess hija konsistenti ma’ dak hawn deciz u dan anke ghaliex l-appell ma huwiex permessibbli taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356, tichad l-appell tal-appellanti Anthony Mario Vella fir-rikors tal-appell tieghu tat-18 ta’ Marzu 2009**, *stante* li kif inghad l-istess appell huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk konsegwentement tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord tal-Appell tal-Ippjanar tas-6 ta’ Marzu 2009 fl-ismijiet **“Anthony Mario Vella kontra L-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (PAB 89/02/ISB).

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-appellanti Anthony Mario Vella.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------